



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-233/12**

**Simone Gardella**

**vs**

**Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di La Spezia)

“Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba fi Stat Membru — Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE — Leġislazzjoni nazzjonali li ma tippovdix id-dritt għat-trasferiment, lil organizzazzjoni internazzjonali li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, tal-kapital li jirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet għall-irtirar imħallsa lil entità tas-sigurtà soċjali nazzjonali — Regola ta' Aggregazzjoni”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Lulju 2013

1. *Moviment liberu tal-persuni — Ħaddiema — Kunċett — Ċittadin ta' Stat membru impjegat minn organizzazzjoni internazzjonali — Inklużjoni*

(Artikolu 45 TFUE)

2. *Sigurtà soċjali — Ħaddiema migranti — Assigurazzjoni għax-xjuħija u għall-mewt — Ċittadin ta' Stat membru impjegat minn organizzazzjoni internazzjonali — Drittijiet għal pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tal-organizzazzjoni internazzjonali — Trasferiment fl-iskema tal-organizzazzjoni internazzjonali — Leġislazzjoni nazzjonali li ma tippermettix it-trasferiment — Ammissibbiltà — Kundizzjoni — Total tal-perijodi ta' assicurazzjoni jew ta' impjieg — Teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' xogħol li jkun twettqu f'organizzazzjoni internazzjonali*

(Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 26, 27)

2. L-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipperkludux leġislazzjoni ta' Stat Membru li ma jippermettix liċ-ċittadini tiegħu, impjegati f'organizzazzjoni internazzjonali stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, jittrasferixxu fl-iskema tas-sigurtà soċjali ta' din l-organizzazzjoni l-kapital, li jirrappreżenta d-drittijiet għall-pensjoni li huma jkun kisbu qabel fit-territorju tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, fl-assenza ta' ftehim internazzjonali bejn dan l-Istat Membru u l-imsemmija organizzazzjoni internazzjonali li jipprevedi l-possibbiltà ta' tali trasferiment.

Fil-każ fejn il-mekkaniżmu ta' trasferiment tal-kapital, li jirrappreżenta d-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel fi Stat Membru, lejn l-iskema tal-pensjonijiet ta' persuna li timpjega għida fi Stat Membru ieħor ma jkunx jista' japplika, l-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li

jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ma tippermettix li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' impjieg li ċittadin tal-Unjoni Ewropea jkun wettaq ma' organizzazzjoni internazzjonali stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor sabiex ikun intitolat għad-dritt għall-pensjoni tax-xjuħija.

Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni għandha bħala konsegwenza li persuni, li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, li l-perijodi ta' impjieg jew ta' kontribuzzjonijiet tagħhom jistgħu ma jilhqax il-perijodu minimu meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex ikunu intitolati għad-dritt għall-pensjoni, jirriskjaw li jitilfu l-possibbiltà li jibbenefikaw minn benefiċċju tax-xjuħija li għalih kien ikollhom dritt kieku ma jkunux aċċettaw impjieg, fi Stat Membru ieħor, ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din il-leġiżlazzjoni tista', għaldaqstant, tostakola l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu.

(ara l-punti 46, 49 u d-dispożittiv)